# 67. Fi Pjazza San Mark

Malli wasalt Venezja mort il-pjazza
ta' ħdejn San Mark, u kif rani l-ħamiem
ġie malajr jiġri, u qagħad idur madwari,
u tagħni l-merħba bik u xtaqli s-sliem.

Jien xtrajt il-qamħ-ir-rum u bdejt nitimgħu,
u waħda bajda telgħet fuq idejha,
u malli telgħet, tefgħet ħarsa ħelwa
ta' mistoqsija ċassa ġo għajnejja,

U qaltli: "Qiegħda nagħirfek… tliet snin ilu
ġo din il-pjazza int ħadt ritratt mal-mara,
u jekk tiftakar, jien tlajt niekol mn'idha…
illum kif kien ġejt waħdek? għidli… x'ġara?"

Hawn qalbi nqasmet tnejn, u kelma waħda
ma stajtx ingħid, u fl-għoli lejn is-sema
jiena ħarist biex infissrilha sewwa
li marti kienet tal-henjin mal-gemgħa.

Hawn il-ħamiema tbissmet tidħak ħlejju,
rasha ċaqilqet erba' ċaqliqiet,
bħal donnha riedet tgħidli bis-sinjali:
"Oh! kemm niltaqa' magħha fis-smewwiet!"

"U issa," qaltli, "fejn int sejjer waħdek
tiġġerra 'l hawn u l' hemm mingħajr mistrieħ?"
"Minn hawn għal Innsbruck", jien għidtilha sejjer,
"imbgħad għal Londra niġri ma' kull riħ."

"Waħdek?" issoktat tgħidli. "Iva waħdi,"
jiena weġibtha, "ndur dejjem waħdien,
niġġerra fil-wisgħat tad-dinja vojta,
imħabbti nfittex li ma nsib imkien!"